MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2002

Numru 336/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Zarb)**

**Vs**

Mario Scerri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mario Scerri ta’ karta ta’ identita’ numru 554785(M), akkuzat talli:

F’dawn il-Gzejjer, fis-7 ta’ Marzu, 2002 u fiz-zmien ta’ qabel, fil-fond PC Options Ltd, Scan Computers, Triq Dun Karm, B’Kara By Pass, Iklin b’diversi atti maghmlin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda.

1. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghal bejgh, jew importa ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebhin b’qerq u cioe’ software tal-computers u dan bi ksur tal-Artikolu 298(1)(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex iqassam xi artikolu jew xi haga ohra u cioe’ software tal-computers bi ksur ta’ jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe’ l-Microsoft Corporation u socjetajiet ohra, li taghhom is-socjeta’ Mamo TCT Advocates rapresentata minn Dr David Tonna LL.D. et hija rappresentanti, protetti bil jew taht il-ligi ta’ Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 298B (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U b’hekk jitqies li opera minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ghat-tenur ta’ L.N. 120/92.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi deciza sommarjament mhux opposta.

Semghet l-imputat jirregistra ammissjoni li fiha ppersista anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Li l-akkuzi jittrattaw l-qerq fil-kummerc u vjolazzjoni tad-drittijiet tal-awtur.

L-imputat ammetta l-akkuzi liema ammissjoni hija wahda volontarja u nkondizzjonata.

Rat ghaldaqstant l-Artikolu 298(i)(f) u 298B(1) tal-Kap 9 u tiddecidi li tikkundanna l-imputat sena prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghdin jigu sospizi ghal 4 snin mill-lum. Tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti esebiti u fuq l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tikkundanna l-

imputat ihallas l-ispejjes tal-hatra tal-esperti in konnessjoni ma’ dawna l-proceduri zmien xahar minnn notifika.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------